**58. L-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. Clyde Puli jipproponu:**

It-twaqqif ta' Kumitat li jġib l-isem ta' Kumitat tad-Dritt tal-Ħajja u Dinjità tal-Bniedem.

Din il-Kamra:

TINNOTA li d-Dritt għal Ħajja hu sanċit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Konvenzjoni Internazzjonali u l-Protezzjoni tad-Drittijiet ta' Ħaddiema Immigranti u l-Familji tagħhom;

TINNOTA li l-liġijiet ta' Malta jagħrfu li l-ħajja tal-bniedem tibda mill-konċepiment u għaldaqstant jipproteġu d-dinjità u d-dritt tal-ħajja mill-bidu sal-mument tal-mewt;

TINNOTA li mid-diskussjoni nazzjonali li seħħet f'pajjiżna fl-aħħar snin joħroġ ċar li l-poplu Malti għadu jgħożż bis-sħiħ il-valur tal-ħajja u d-dinjità tal-bniedem, u li dawn jinkludu l-edukazzjoni u l-kultura;

TĦOSS li hemm il-ħtieġa li nagħmlu l-isforzi kollha biex nassiguraw li d-dritt tal-ħajja u d-dinjità tal-bniedem jibqgħu jiġu ssalvagwardjati f'pajjiżna;

Għalhekk, din il-Kamra tirriżolvi għal fini tal-Ordnijiet Permanenti 121 u 122 biex jinħatar Kumitat Magħżul tal-Kamra mmexxi mill-Ispeaker, u illi dan il-Kumitat ikun magħmul minn tliet membri min-naħa tal-gvern u tliet membri min-naħa tal-Oppożizzjoni,

Għall-fini ta' dan il-Kumitat, il-ħidma ser tkun limitata mill-konċepiment sat-twelid, u fost affarijiet oħra għandu:

(a) jifli l-leġiżlazzjoni kollha eżistenti, kemm prinċipali kif ukoll sussidjarja, u liġijiet oħrajn proposti;

(b) jifli proposti u żviluppi oħra nazzjonali u internazzjonali li għandhom impatt fuq id-dritt tal-ħajja;

(c) jitlob il-fehma u jikkonsulta lill-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni u tal-Kumitat Nazzjonali tal-Bioetika;

(d) jitlob il-fehma u jikkonsulta ma' entitajiet u istituzzjonijiet f'pajjiżna li jaħdmu favur il-protezzjoni tal-ħajja u d-drittijiet tal-bniedem;

(e) jagħmel rapport fejn fih tingħata informazzjoni, proposti u rakkomandazzjonijiet għal tibdil jew titjib skont il-ħtieġa lill-Parlament, liema tibdil jista' jigi aċċettat jew le, iżda bi skop li joffri gwida u sapport lill-Membri tal-Kamra.

15.09.17